MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 439/2003

**Dolores u Victor konjugi Camilleri**
**u b'digriet tas-16 ta' Settembru 2003, il-kunjom ta' l-atturi minflok "Camilleri" jrid jaqra "Falzon"**

**vs**

**1.Charles Zammit**
**2. Ivan Calleja f'ismu u ghan-nom ta' M.I.M.S. Supplies Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz mahrug mill-atturi fil-5 ta' Settembru, 2003 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) jew somma verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta lill-atturi bhala prezz miftiehem bejn il-partijiet ghall-oggetti mobbli u apparat li jinsabu fil-fond Da Tomaso Lido, Ghadira Bay,

Mellieha, debitament mibjugha u konsenjati lill-konvenuti, jew min minnhom.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorja datata 21 ta' Lulju 2003, bl-imghax legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Ivan Calleja (94072M) fejn eccepixxa illi:

It-talbiet attrici kif diretti kkontra tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi:

1. L-eccipjent mhuwiex il-legittimu kontradittur stante illi mhemmx relazzjoni guridika bejnu u l-atturi.

2. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-oggetti mobbli u apparat li gew mibjugha lil Charles Zammit huma difettuzi.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta' M.I.M.S. Supplies Limited (C – 25336) fejn ecceppiet illi:

It-talbiet attrici kif diretti kontra taghha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi:

1. L-eccipjenti mhijiex il-legittimu kontradittur stante illi mhemmx relaxxjoni guridika bejnha u l-atturi.

2. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-oggetti mobbli u apparat li gew mibjugha lil Charles Zammit huma difettuzi.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza taghha tas-16 ta' Frar, 2004 fejn iddecidiet il-kwistjoni fil-konfront tal-konvenut, Charles Zammit u halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-provi fil-

konfront tal-konvenuti, Ivan Calleja u M.I.M.S. Supplies Limited;

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi ghal habta tal-bidu tas-sena 2003 il-konvenut Charles Zammit thajjar jikri l-fond Da Tomaso Lido, Ghadira Bay, Mellieha. Peress illi dak iz-zmien kien gestit mill-attrici, hija accettat illi thalli l-kera f'idejn il-konvenut, Zammit, basta dan ihallasha ghall-apparat illi hi se thalli waraha. Ftehmu illi l-apparat jiswa sebat elef u hames mitt lira Maltin (Lm7500), li minnhom il-konvenut Zammit hallas elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) u l-bilanc kellhom jithallsu pagamenti ratelati skond ftehim maghmul bejn il-partijiet.

Dak iz-zmien il-konvenut l-iehor Ivan Calleja kien qieghed jassisti lil Zammit minhabba problemi li dan ta' l-ahhar kellu u li forsi ma kienx ser ikun kapaci jidhol fid-dinja tan-negozju wara l-passat tieghu. Ghalhekk, b'mod altruwistiku Calleja indahhal sabiex jitkellem ma' Manuel Catania, hu l-attrici u jasal fi ftehim mieghu ghal xiri tal-apparat.

Minn barra l-elf u hames mitt lira mhallsa, il-konvenut Charles Zammit hareg tlett *post dated cheques* ta' elfejn lira (Lm2000)-il wiehed. Peress li wiehed minn dawn il-*post dated cheques* ma giex accettat mill-attrici minhabba t-tul ta' zmien meta kellu jithallas, il-konvenut Calleja hareg cekk f'isem l-attrici fuq is-socjeta' tieghu, M.I.M.S. Supplies Limited. Dan issarraf u meta z-zewgt cekkijiet l-ohra gew *refered to drawer*, l-attrici fittxet kemm lil Zammit kif ukoll lil Calleja, peress li dehrilha illi Calleja assuma xi obbligazzjonijiet fil-konfront ta' Charles Zammit.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi processwali zgur ma jistax jinghad illi hlasijiet ghan-nom ta’ haddiehor ifissru xi assunzjoni ta’ dejn. Mix-xhieda moghtija kemm min Manuel Catania, hu l-attrici u l-konvenut, Ivan Calleja jidher car illi Calleja dejjem aggixxa ghan-nom ta’ Zammit u lanqas ma qatt assuma xi djun tieghu. Il-fatt illi huwa hallas elfejn lira ma fissierx illi b’daqshekk saret xi novazjoni peress illi din ghandha l-istrutturi taghha sabiex topera, strutturi illi f’dan il-kaz ma jezistux.

Fil-kawza Zammit vs Frendo Azzopardi (Vol XXXI Part 3 pg.257) inghad

“ Biex ikun hemm il-figura guridika ta’ assunzjoni ta’ dejn hemm bzonn li l-obbligazzjoni ta’ haddiehor jaghmilha tieghu min jassumiha. Il-fatt li wiehed ihallas xi flus akkont ta' dejn li mhuwiex tieghu, ma fissierx illi huwa assuma dak id-dejn."

Irrizulta sodisfacilment pruvat illi d-dejn ma kienx ta’ Calleja izda ta’ Zammit, tant hu hekk illi fil-ftehim redatt fid-29 ta’ April, 2003 a fol 3 tal-process, Calleja qed jidher “on behalf of Da Tomaso Lido, Charlie Zammit” bhal ma l-istess kien qed jidher Manuel Catania “on behalf of Dolores Falzon”. Catania ma ppretenda l-ebda drittijiet personalment li kienu spettanti lill-ohtu, l-attrici u ghal daqstant iehor l-attrici ma tistax tippredenti xi drittijiet fil-konfront ta’ Calleja meta dan ma kienx id-debitur taghha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba ta’ l-atturi fil-konfront tal-konvenut, Ivan Calleja fil-kwalita’ tieghu premessa.

Bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------